MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Numru 528/2014

**SPETTUR ROBERT VELLA**

**VS**

**SAMANTHA JANE DOYLE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Samantha Jane Doyle ta’ 41 sena, bint Anthony Muscat u Linda Jean nee’ Rutter, mwielda l- Ingilterra fis- 16 ta’ Dicembru 1972, residenti gewwa Springfield, Old Railway Road, Santa Venera u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 501889M;

Talli nhar l- 20 ta’ Frar 2014 ghall- habta tas- 6.30pm gewwa l- lokalita’ ta’ Santa Venera;

1) Volontarjament hasret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamlet hsara fuq il- bieb ta’ barra ta’ residenza privata li ggib l- indirizz Daffodil Court, Flat 3, Triq l- 14 ta’ Novembru, Santa Venera ghad- dannu ta’ Adrian Bajada u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri 116.47 ewro;
2) Talli fl- istess data, hin u cirkostanzi gewwa residenza maghrufa bhala Daffodil Court, Flat 4 Triq l- 14 ta’ Novembru, Santa Venera hebbet ghal Joseph Zammit, persuna li kienet ilha tghix mieghu fl- ahhar sena minn meta sar l- incident u kkagunatlu griehi ta’ natura hafifa hekk kif icceritifka minn Dr Marika Caruana Reg no 3607 mic- centru tas- Sahha tal- Floriana;
3) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi bl- imgieba taghha kkagunat lil haddiehor u cioe lil imsemmija Adrian Bajada u Joseph Zammit biza’ li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l- propjeta’ taghhom, jew xi persuna msemmija fl- Artikolu 221 (1);

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-parti leza Joseph Zammit, wara l-verbal ta' llum stess, fejn l-imputata obbligat ruhha li bl-ebda mod m'hi ser timmolesta jew tingurja lilu jew lill-familjari tieghu, irrinunzja ghat-tieni u t-tielet imputazzjoni fil-konfront taghha;

Rat illi l-imputata irregistat ammissjoni ghall-ewwel imputazzjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi l-hsara maghmula kienet gia' thallset lill-parti leza l-ohra, Adrian Bajada, qabel ma nbdew dawn il-proceduri;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 221(1) u 251 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni tal- ewwel (1) akkuza din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------